# KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Minuti

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura

**Laqgħa Numru 49/2022**

Data: L-Erbgħa 13 ta' April, 2022

Ħin: 18:00hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Sur Pierre Dalli – Sindku<br>Sur Clayton Portelli Cascun – Viċi Sindku<br>Sur Charles Bonello – Kunsillier 18:05<br>Sur Ray Deguara – Kunsillier<br>Dr Ryan Ellul – Kunsillier 18:20<br>Sna Toshera Schembri - Kunsilliera<br>Sur Adrian Tanti - Kunsillier<br>Sur Mark Lombardo – Kunsillier |
| Skużati: | Sur Mario Fava – Kunsillier |
| | Ritianne Bonnici –Deputat Segretarju Eżekuttiv |

## AĠENDA

**49.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA**

**49.2 MINUTI**

**49.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI**

**49.4 PURCHASE REQUEST FORMS**

**49.5 ĦLASIJIET**

49.6 FINANZI

49.7 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

49.8 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

49.9 KORRISPONDENZA

49.10 LAQGĦA TAL-LOKALITA’

49.11 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

49.12 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

49.13 TRAFFIC MANAGEMENT

49.14 STAFF

49.15 MOZZJONIJIET

49.16 PLANNING AUTHORITY

49.17 PROGRESS TA’ ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

49.18 MISTOQSIJIET

49.19 AĠĠORNAMENT

Kif is-Sindku ta bidu għal-laqgħa, il-Kuns M Lombardo ġibed l-attenzjoni li għadha kif għaddiet l-elezzjoni ġenerali u għaldaqstant il-Kunsill għandu jifraħ u jawgura lil kull minn ġie elett fil-Parlament mid-distretti tagħna kif ukoll il-Ministru li taħtu jaqgħu r-responsabbilta’ tal-Kunsilli Lokali.

Is-Sindku qal li f’dan l-istadju l-Kunsill għandu jibgħat ittra lill-membri Parlamentari kollha eletti fuq iz-zewg distretti  biex nifirħulhom għall-ħatra tagħhom.

## 49.1 TALBIET TA’ APOLOĠIJA

**49.1.1** Kien hemm talba waħda ta’ apoloġija dik tal-Kuns. Mario Fava

Il-membri tal-kamra approvaw din it-talba ta’ apoloġija

## 49.2 MINUTI

**49.2.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6127/22/8** "Sabiex jġu approvati l-Minuti tal-laqgħa 48/2022 bid-data tas-16 ta' Marzu 2022".

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 49.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

**49.3.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 49.4 PURCHASE REQUEST FORMS

Il-Kuns C Bonello daħal fil-kamra – 18:05

**49.4.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6128/22/8** "Sabiex jiġu approvati PRFPO għal-laqgħa tal-Kunsill ta' April 2022 kif inhu anness" (Ara DOK 'A' anness).

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 49.5 ĦLASIJIET

**49.5.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6129/22/8** "Sabiex jiġu approvati ħlasijiet minn 10/03/2022 sa 6/4/2022 kif inhu anness". (Ara DOK 'B' anness).

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 49.6 FINANZI

**49.6.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 49.7 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

**49.7.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 49.8 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

**49.8.1** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li DNO ta' Triq il-Pitirross giet approvata u għaldaqstant għandu jinħareġ tender skond il-pjanta li l-Kunsill kien ippreżenta. Il-Kuns M Lombardo staqsa x'se jsir u s-Sindku nfurmah li se jitranġa l-parkeġġ u se ssir żona ta' tisbiħ b'dawl ġdid. Il-Kuns M Lombardo talab li tingħatalu kopja tal-pjanta fejn is-Sindku nfurmah li tali pjanta kienet diġa ġiet approvata f'seduti preċedenti.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6130/22/8** "Hekk kif DN00364/22 (Triq il-pitiross) ġiet approvata, dan il-Kunsill għandu jibda l-proċess biex jinħareġ tender sabiex tiġi rranġata t-triq, il-bankina u jsir it-tisbieħ taż-żona fi Triq il-Pitirross. It-tender għandu jinkludi wkoll sistema ġdida tad-dawl tat-triq"

Din kienet sekondata mill-Kuns T Schembri.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

Il-Kuns M Lombardo staqsa f'liema stadju wasal it-tender tal-Knisja. Is-Sindku nforma lill-Kuns M Lombardo li t-tender jinsab miftuħ sabiex min hu nteressat jitfa' offerta.

## 49.9 KORRISPONDENZA

**49.9.1** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li dalgħodu l-Kunsill irċieva ittra rigward il-purċissjoni tad-duluri. Kif il-Kunsill irċieva din l-imejl is-Sindku għamel kuntatt ma' persuni kkonċernati fejn qed jittieħdu l-passi fuq dak li ġara biex ma jerġgħax jiġri. Is-Sindku ressaq mozzjoni f'dan ir-rigward b'ref : **6131/22/8** "Waqt laqgħa tal-Kunsill li saret fit-13 t'April 2022, dan il-Kunsill għandu jibgħat ittra lill-ispettur tad-distrett biex għall-ebda' raġuni ma għandu jinħareġ permess għall-attivita' u fl-istess ħin jibqgħu jgħaddu vetturi biswiet purċissjonijiet jew attivitajiet tal-massa fil-lokal tal-Fgura. Din għandha tidħol fis-seħħ għall-ġid ta' kulħadd l-aktar fejn tidħol is-sigurta' ta' kull persuna li tkun preżenti".

Il-Kuns C Bonello saħaq li postijiet oħra jagħlqu arterja prinċipali tal-pajjiż u mbagħad f'attivita fil-lokalita tal-Fgura, t-triq prinċipali tingħalaq nofsha. Il-Kuns C Bonello baqa' jinsisti li partiti politiċi waqt kampanja elettorali jagħlaq żewġ toroq prinċipali għal diversi jiem u għall-purċissjoni reliġjuża li għaliha jattendu bosta residenti ma tingħalaqx it-triq kollha u dan temporanjament u ma jkunx hemm ħin twil.

Il-Kuns R Deguara qal li ma jmurx li waqt purcissjoni titħalla nofs it-triq miftuħa

Wara diskussjoni ġie deċiż li għandha tintbagħat l-ittra msemmija fil-mozzjoni.

Il-Kuns M Lombardo ġibed l-attenzjoni li ressaq dik l-imejl minħabba l-fatt li l-ġimgħa ta' wara se ssir il-purċissjoni tal-Ħniena Divina biex ma terġax tiġri l-istess problema.

Din kienet sekondata mill-Kuns T. Schembri.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

### 49.10 LAQGĦA TAL-LOKALITA'

**49.10.1** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li rigward l-ilment tal-mina ta' Bormla l-Kunsill għandu japplika għad-dawl u se jkun qed jieħu parir sabiex isir il-ħasil tal-mina. Il-Kuns C Bonello ġibed l-attenzjoni li l-mina ma taqax fil-konfini tal-Kunsill Lokali tal-Fgura u fuq dan is-Sindku qabel li jekk ma taqax taħt ir-responsabbilta' tar-restoration unit għandha ssir. Għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni ref : **6132/22/8** "Sabiex jiġu approvati l-minuti tal-laqgħa tal-lokalita' li nżammet nhar l-Erbgħa 6 ta' April 2022".

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

### 49.11 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

**49.11.1** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li s-sistema tal-permessi issa ġiet aċċessibli wkoll anke online. Informa li qabel il-Kunsill kien iżomm €1 għal kull no parking iżda kif ġiet is-sistema issa, dan m'għadux possibli. Rigward no parkings, min jieħu ħsieb is-sistema u l-approvazzjoni tal-permessi għandu jara li l-ammont rikjest ta' no parkings għandu jkun raġonevoli mhux eżaġerat biex għall-makkinarju wieħed jiġu riservati bosta parkeġġi. Għaldaqstant jekk ikun hemm din l-eżaġerazzjoni, l-applikazzjoni fuq il-permessi għandha tiġi rifjutata.

**49.11.2** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li l-Kunsill irċieva rikjesta mingħand 'La Vallette International Marathon 2022' fejn il-maratona se tkun qed tgħaddi mil-lokalita' tal-Fgura u għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6133/22/8** "B'referenza għar-rikjesta minn La Valletta International marathon 2022 li se tkun qed torganizza maratona tal-ġiri, il-kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni biex nhar il-Ħadd 24 ta' April 2022 jgħaddu mill-

Fgura, dan wara li jinġiebu l-permessi neċessarji mill-entitajiet kkonċernati".

Il-Kuns C Bonello qal li għandha tinġibed l-attenzjoni li jekk se jintramaw l-istands bl-ilma u oġġetti oħra għandhom inaddfu warajhom.

Din kienet sekondata mill-Kuns A Tanti.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**49.11.3** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li l-Kunsill irċieva rikjesta mingħand il-Fgura United FC biex b'kollaborazzjoni mal-Kunsill isiru sezzjonijiet ta' għajnuna lit-tfal biex ikollhom l-għajnuna meta jiġu biex jagħmlu l-HW. Għal dan ma kienx hemm ftehim u ġie deċiż li għandha ssir laqgħa mal-president tal-Fgura United FC minħabba l-possibilita' li tali servizz jingħata minn ġewwa l-binja tal-Kunsill u mhux mill-binja tal-Fgura United FC sabiex ikun hemm izjed kontroll fuq min jattendi la l-Kunsill se jkun qed jikkollabora f'din il-materja. Din hemm qbil fuq il-proposta li ssir laqgħa mal-Fgura Utd FC.
:
**49.11.4** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6134/22/8** "Sabiex il-Kunsill jixgħel ir-roundabout ta' Triq zabbar k/m Tiq San tumas f'kulur blu/vjola fil-jum dinji tal-Fibromyalgia fit-12 ta' Mejju, 2022"

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**49.11.5** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li l-Kunsill kellu laqgħa mas-Sur N Attard li huwa l-unika persuna f'Malta li kapaċi toffri s-servizz ta' ECG fid-djar sabiex bi ftehim mal-Kunsill Lokali tal-Fgura jibda joffri s-servizz ta' ECG test, Glucose test kif ukoll il-pressjoni lir-residenti tal-Fgura. Dan il-Kunsill irnexxilu jinnegozja prezz baxx ħafna iktar min-nofs li minn €85 il-Kunsill irnexxilu jġib il-prezz ta' €30 kull persuna. Il-Kuns C Bonello ġibed l-attenzjoni li jekk il-Kunsill mhux se jagħmel limitu fuq il-persuni li jiġu biex jinqdew, il-Kunsill se jkun qed joħroġ spiża enormi jekk jiġu ħafna residenti. Għaldaqstant wara diskussjoni ġie deċiż li għal dan is-servizz għandu jħallas għalih ir-resident innifsu. Għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6135/22/8** "Sabiex dan il-Kunsill iqabbad lis-Sur Nigel Attard biex jagħmel ECG test, Glucose test kif ukoll blood pressure lir-residenti għall-prezz ta' eur30 kull persuna, li għandhom jithallsu mir-residenti. Il-Kunsill se jissusidja billi joffri b'xejn premises affarijiet utili mill-Kunsill"

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 49.12 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

**49.12.1** Is-Sindku stieden lill-Kuns C Bonello sabiex jinforma lill-membri tal-kamra rigward il-progress fuq il-way marker. Il-Kuns C Bonello nforma lill-membri tal-kamra li l-Kunsill ġab il-kwotazzjonijiet għall-bażi tal-Way Marker. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6136/22/8**: "Wara li nġiebu l-kwotazzjonijiet sabiex jibda l-proċess tal-pavimentar fejn se jkun qed jitpoġġa l-way marker, għandu jintagħżel is-sur Josef Sant peress li l-kwotazzjoni tiegħu hija l-irħas waħda".

Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 49.13 TRAFFIC MANAGEMENT

**49.13.1** Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kamra dwar rikjesta li l-Kunsill irċieva mingħand is-Sna M Deguara fejn qed titlob li jitneħħa double yellow line minn quddiemha u minn quddiem il-garaxxijiet ta' ma' ġenbha. It-talba biex jitneħħa double yellow line minn quddiem il-garaxxijiet l-oħra ma kellna l-ebda rikjesta mingħand is-sidien u għaldaqstant il-Kunsill jista' jaċċetta biss it-talba biex jitneħħew il-linji minn quddiem il-garaxx tagħha. Għalhekk is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6137/22/8** "B'referenza għar-rikjesta tas-Sinjura Mariella Deguara fejn qed titlob biex jitneħħa d-double yellow line, dan il-Kunsill jilqa' t-talba tagħha sabiex id-double yellow line jitneħħa minn quddiem il-bieb tal-garage tagħha li jinsab numru 3 fi Triq il-Pluviera iżda dment li ma jkunx hemm rikjesta mir-residenti li għandhom il-garage maġenbha biex jitneħħa tagħhom ukoll dan għandu jibqa' kif inhu"

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**49.13.2** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li l-Kunsill irċieva rikjesta ta' un/loading bay quddiem MaxiQuartz fi Triq Zabbar. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6138/22/8** "B'referenza għar-rikjesta tas-Sinjura Charlene Chetcuti sabiex issir un/loading bay quddiem il-ħanut MaxiQuartz li jinsab fi Triq Zabbar, dan il-Kunsill ma jilqax din it-talba".

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**49.13.3** Is-Sindku nforma li l-Kunsill irċieva rikjesta mingħand il-Kummissjoni Festa Esterna fejn qed jitolbu biex titwessa' l-bankina ta' quddiem il-maħżen peress li hija dejqa ħafna u meta tipparkja vettura quddiemhom mhux qed ikunu jistgħu joħorġu l-armar mill-maħżen. Għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6139/22/8** "sabiex titwessa' l-bakina u jsir "no parking" quddiem il-maħżen tal-armar fi Triq il-Karmelitani".

Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**49.13.4** Is-Sindku nforma li l-Kunsill irċieva rikjesta biex Triq Sturnell issir one way. Għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6140/22/8** "Dan il-Kunsill għandu jibda' l-proċess biex Triq Sturnell tiġi titla 'il fuq minn Triq Koppla".

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 49.14 STAFF

**49.14.1** Is-Sindku nforma li l-proċedura biex jinħatar l-interviewing board għall-vakanza tas-Segretarju Eżekuttiv inbidel u jrid ikun magħmul mis-Sindku, membru tal-Kunsill u rapreżentant mill-AKL. Għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6141/22/8** "Sabiex titqabbad is-Sinjura Lianne Cassar bħala Segretarju għall-proċess tal-interviews tas-Segretarju Eżekuttiv, hekk kif id-Deputat preżenti hija waħda mill-applikanti"

Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**49.14.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6142/22/8** "Sabiex skond ir-regolamenti tal-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv, l-bord għandu jkun magħmul minn membru tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, mis-Sindku bħala Chair person u minn persuna oħra, li għandu jkun il-minority leader il-Kuns C Bonello".

Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li għall-proċess ta’ skrivan/a skala 15 il-Kunsill qed jistenna t-tieni lista mingħand il-jobsplus biex il-Kunsill ikun jista’ jibgħat għall-applikanti biex isru l-interviews.

**49.14.3** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li nġibdet l-attenzjoni mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar mozzjoni 6050/22/8 fejn tali mozzjoni kienet taqra biex isir awditjar meta s-Segretarju Eżekuttiv jintemmlu l-impjieg tiegħu, minn mal-Kunsill Lokali tal-Fgura, fejn peress li kien għall-ewwel xahrejn tas-sena u se jkun qed isir interim audit għas-sena 2021 dawn issuġġerixxu li ma jsirx għax in-nefqa se tkun waħda kbira sakemm ma hemmx lok ta’ xi suspetti. Għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6143/22/8** “B'referenza għall-mozzjoni 6050/22/8 li taqra 'Fid-dawl ta' riżenja ta' Segretarju Eżekuttiv għandu jsir awditjar tal-kotba tal-Kunsill sabiex is-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid ikollu f'idejh id-dokumentazzjoni awditjarja tal-pożizzjoni tal-Kunsill ta' meta jibda’ l-ħidma tiegħu.

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 49.15 MOZZJONIJIET

**49.15.1** Ma tqajjem l-ebda punt f’dan ir-rigward.

## 49.16 PLANNING AUTHORITY

**49.16.1** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li bħalisa l-Kunsill għandu fis-seħħ applikazzjoni PC9/22 rigward *Building Alignment* għaż-żona tal-bitħa ta’ Vince Ironmongery Triq Hompesch kantuniera ma’ Triq is-Sur il-Fgura. Il-Kunsill prova jagħmel kuntatt mal-Perita assenjata mal-Kunsill biex naraw il-proċess fix wasal iżda baqa’ bla ebda risposta, pero l-aħħar li sar il-kuntatt kien hemm il-ftehim li l-ewwel irid isir is-survey taż-żona biex jiġi ddentifikat aħjar minn fejn sa fejn se jkun qed jitranġa skond l-applikazzjoni sottomessa. Il-Kunsill ser jistenna sakemm isir dan is-survey sabiex ikun jista jiddeċiedi. Għalhekk is-sentiment ġenerali kien li l-allinejament tat-triq jibqa’ kif inhu.

**49.16.2** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li rigward il-permess tal-petrol station ta' Triq Zabbar, il-Kunsill se jkun qed iżomm mal-pożizzjoni li kien ħa qabel.

## 49.17 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

**49.17.1** Il-Viċi Sindku nforma li avviċinawh xi residenti dwar iż-żewġ siġriet taż-żebbuġ li tpoġġew fejn il-monument tas-salib għal żmien Ħamis ix-Xirka. Għaldaqstant il-Viċi Sindku ressaq mozzjoni ref: **6144/22/8** "Sabiex dan il-Kunsill jixtri żewġ siġriet taż-żebbuġ għall-prezz ta' €1,395 skont kif indikat fil-quotation annessa".

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**49.17.2** Il-Viċi Sindku ressaq mozzjoni ref: **6145/22/8** "Sabiex dan il-Kunsill jixtri żewġ pots inkluż il-materjal kollu neċessarju biex jinżergħu ż-żewġ siġriet li jinsabu wara l-monument tas-salib fi Triq Hompesch skont l-inqas quotation annessa ma' din il-mozzjoni".

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**49.17.3** Il-Viċi Sindku nforma li fi Triq it-Tagħlim beda l-proċess tat-tisbieħ taż-żona iżda għad fadal xi jsir.

**49.17.4** Il-Kuns C Bonello nforma lill-membri tal-Kamra li l-preparamenti għall-Ħamis ix-Xirka huma lesti u diġa beda jsir l-armar anke d-drapp mas-salib. Għada se jkompli l-armar.

**49.17.5** Il-Kuns C Bonello nforma li l-Karnival se jsir nhar il-Ħadd 22 ta' Mejju bejn id-9:30am u 12pm.

Il-Viċi Sindku ħareġ mill-kamra fis-19hr 15min

**49.17.7** Il-Kuns C Bonello nforma lill-Kunsill li fuq id-deċiżjoni li tieħdet fil-laqgħa preċedenti rigward Triq Titu Bransdma qed iħejji l-materjal biex jimxi mal-applikazzjoni tal-bdil fl-isem.

**49.17.8** Il-Kuns C Bonello nforma li dwar ix-xelter fi Triq Hompesch inġiebu l-kwotazzjonijiet għat-tindif. Għandhom jiġu nfurmati l-Lands Authority għall-clearance biex ikunu jistgħu jibdew.

**49.17.9** Il-Kuns C Bonello nforma li fuq l-iskema tas-siti storiċi l-Kunsill għandu japplika għar-restawr tal-Madonna tal-Grazzja. Għal dan il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **6146/22/8** "Mozzjoni sabiex għall-iskema tar-restawr maħruġa mid-Dipartiment, il-Kunsill japplika sabiex isir ir-restawr tal-istatwa tal-Madonna tal-Grazzja li tinsab f'niċċa fi Triq il-Karmnu".

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**49.17.10** Il-Kuns C Bonello nforma li avviċinatu s-Sna Duca, t-tifla tas-Sur Paul Muscat fejn talbet sabiex il-mudelli tal-mezzi tat-transport antiki li kellu S-Sur Paul Muscat tiġi eżebita permanenti fil-Kunsill Lokali tal-Fgura. Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **6147/22/8 "**Mozzjoni sabiex il-Kunsill Lokali jaċċetta l-offerta tal-Eredi tas-Sur Paul Muscat li kien joqgħod Triq Hompesch fejn offrew li jgħatu lill-Kunsill diversi mudelli ta' mezzi tat-trasport għall-wirja permanenti fil-Kunsill Lokali"

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**49.17.11** Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **6148/22/8** "Mozzjoni sabiex il-Kunsill Lokali jorganizza l-inizjattiva' għat-tfal marbuta mal-Festa tal-parroċċa"

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**49.17.12** Il-Kuns R Deguara nforma li l-ħarġa ta' Għawdex li saret il-Ħadd 10 ta' April 2022 kienet suċċess u rringrazzja lid-deputat Segretarju ta' dan.

**49.17.13** Il-Kuns R Deguara nforma li dwar id-Day Centre se jipprova li kif jonqsu n-numri marbuta mal-pandemija se jerġgħa jibda' jitlaqqa

## 49.18 MISTOQSIJIET

**48.18.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 49.19 AĠĠORNAMENT

**49.19.1** Il-laqgħa ntemmet fis-19:20hrs.

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 11 ta' Mejju, 2022 fis-18:00hrs.

IFFIRMAT

Is-Sur Pierre Dalli
Sindku

IFFIRMATA

Is-Sinjura Ritianne Bonnici
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Data: 13 ta' April, 2022